# TGĦIX IRRIDEK

1.

U meta jiġi l-waqt li mmur għal dejjem
b'idejk li nħobb f'idejja rrid immur –
idejk li merħu fl-irjiħat għalija.

Ostorni, nimploralek,
b'silwetti t'elf memorja ta' ġismek ġo tebuti.

'Mma lilek tgħix irridek, ja borka tal-maġija.
Minn qabri, fl-isbaħ nagħsa,
bis-sabar nistenniek.

U meta tiġi żżurni
lil nifsek fuqi rrid li nerġa' nħoss,
u fwieħet l-anemone nxomm minn ġismek.

Jekk minn xofftejk jitbexxaq fjur il-ġmiel
u jittawwalli f'qabri
nintebaħ li tkun int li ġejt iżżurni.

2.

U meta mmur għal dejjem,
kif konna ta' spiss nagħmlu
taħt kwiekeb sodalit,
mur imxi fuq ir-ramel Tal-Mixquqa,
u isma' l-mewġ itella'
mill-qiegħ imqalla' l-alka
bħal vireg ta' rixtellu
mill-ilma jispuntaw
b'dak lewnhom klaret…

Mur isma' l-gawwi jwerżaq
għajjien għall-irtirata fil-ġabra tal-fissuri…

Il-ħabel kollu ħass mur isma' jżaqżaq
maż-żifna ta' kajjik –
bħall-għaqda tagħna l-malju tal-irmiġġ…

3.

Tgħix irridek, u lili tesponini kif kont tafni
bil-ġmiel krepuskolari li jien sawwart għalik.
Jagħrfuni fik. Bik ngħix mumenti isbaħ.

Tgħix irridek, u nwiegħdek li mid-dwiem
bl-istess imħabba nħobbok
ta' dak li s-semm ra x'għamel biex iniżżlu
u waqa' mejjet ħdejn il-fjura ssaħħar
ta' William Shakespeare.

NOM DE PLUME: KAMADEVA